FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR IS-26 T'OTTUBRU 2001

PULIZIJA
SPETTUR SIMON GALEA
VS
JOSEPH CUTAJAR

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Cutajar ta' 30 sena imwieled Pieta fl-10 ta' Marzu 1971 bin Carmel u Alfrida xebba Bonett u li m'ghandux residenza fissa pero joqghod temporanjament Block C 38, Binja Qlejgha l-Imtarfa, Rabat u bin-numru tal-identita 209571M talli fl-Imdawra Road l/o Burmarrad San Pawl il-Bahar fit-3 t'April 2001 f'xi hin wara nofs in-nhar seraq diversi oggetti min fond Block C, 38, Binja Qlejgha l-Imtarfa Rabat liema serq huwa aggravat bil-valur li huwa ta' izjed min mitt lira izda inqas minn elf lira maltin, il-lok u il-persuna u dan b'detriment ta' Stella Maris Rakban mir-Rabat u dan bi ksur tal-artikoli 267, 268 u 269 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli bil-fomm hedded lil Kevin Mallia, Antoine Ciappara, Rueben Bugeja u lil Caroline Mallia b'delitt.

Talli minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija kellu fil-pussess jew fil-kontroll tieghu, jew kellu f'idejh jew fuqu arma tan-nar Breda bin-numru tar-registrazzjoni 162684 u munizzjon barra fond jew post li jaghmel mieghu u dan bi ksur tal-artikolu 3(1)(a) tal-kap 66 ta' l-Ordinanza dwar l-Armi.

Talli garr arma tan-nar jew fittex jew dar, ikkaccja jew pprova jikkaccja ghasafar kemm il-darba ma kellux fuqu il-karta tal-identita mahruga taht l-att tal-karta tal-identita, u licenzja (tal-kacca) mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija skond il-Ligi u dan bl-Avviz Legali 146/93 Reg 7(1).

Talli ha jew ipprova jiehu xi ghasafar kemm il-darba ma kellux fuqu il-karta tal-identita kif wkoll licenzja mahruga lilu mill-Kummissarju tal-Pulizija skond il-Ligi u dan b'Avviz Legali 146/93 Reg 7(2)

Talli ma kellux licenzja bix igorr arma tan-nar mahruga minghand il-Kummissarju tal-Pulizija.

Talli garr arma tan-nar sew jekk ikkargata jew mhiex, ma kenitx qeghda fl-ghata taghha jew spara xi arma ohra tan-nar anqas minn 200 metru minn kwalunkwe belt jew rahal jew f'postijiet ohra abitati jew anqas minn 50 metru minn toroq principali jew arterji.

Talli ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Kevin Mallia hekk kif iccertifika Dr Anthony Garr mill-isptar San Luqa.

Talli bi hsara tas-sid jew tad-detentur, ghamel cjolazzjoni ohra kontra l-proprjeta ta' haddiehor u dan bi ksur tal-artikolu 349(d) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tas-26 t'Ottubru 2001 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 267, 268, 269, 339(e) tal-kap 9, Art 3(1)(a) tal-kap 66 ta' l-Ordinanza dwar l-Armi, Avviz Legali 146/93 Reg 7(1)(2), Art 217, 349(d), 49 u 50, 383 u 28A tal-kap 9, u tikkundanna lill-imputat ghal tlettax il-xahar prigunerija sospizi ghal tlett snin u inoltre tqeghdu taht garanzija ta' Lm100 ghal sena b'obligazzjoni illi ma jimmolestax, ma jdejjaqx u m javvicinax lil Kevin Mallia, Antoine Ciappara, Reuben Bugeja u Caroline Mallia.

In oltre tikkonferma il-konfiska tal-arma u tordna il-konfiska wkoll tal-munizzjon esebit f'dawn l-atti.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.